# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura.

**Laqgħa Numru 07/2024**

Data: 25 ta' Settembru 2024

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Skużat/i: | Sur Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Assenti: | | |
| | Sa. Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

**07.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**07.2 MINUTI**

07.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

07.4 PURCHASE REQUEST FORMS

07.5 ĦLASIJIET

07.6 FINANZI

07.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

07.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

07.9 JUM IL-FGURA

07.10 KORRISPONDENZA

07.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

07.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

07.13 TRAFFIC MANAGEMENT

07.14 STAFF

07.15 MOZZJONIJIET

07.16 PLANNING AUTHORITY

07.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

07.18 MISTOQSIJIET

07.19 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-18.15, bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil kull min kien preżenti.

## 07.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**07.1.1** Kien hemm żewġt talbiet ta' apoloġija minghand il-Vici Sindku Darren Marmara minħabba mpenji ta' xogħol u tal-Kuns Adrian Tanti fejn ukoll talab li jkun skużat minħabba xogħol urġenti. Is-Sindku qal li bhala Kunsill nimxu mal-ligi u ġibed l-attenzjoni fejn talab lis-Segretarju sabiex jittiehdu l-proceduri neccessarji fir-rigward ta' nuqqas t'attendenza ripetuta.

## 07.2 MINUTI

# KUNSILL LOKALI FGURA

**07.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6895/24/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 03/2024 bid-data tas-27 t'Awwissu 2024.'

Il-Kuns M Lombardo qal li baghat ittra lis-Sindku u ried iressaqha mall-minuti u mhux wara kif qallu s-Sindku. Il-Kuns M Lombardo beda jaqra l-ittra billi kwota l-minuti li gew approvati fil- 27 ta' Awwissu 2024. F'dan l-istadju, l-Kuns C Bonello ressaq *point of order*, dan ghaliex f'dak il-mumnet kieku qed jigu approvati l-minuti tal- laqgha preċidenti. Huwa saħaq li jekk kien hemm xi korrezzjonijiet fuq il-minuti tal-laqgħa preċidenti jsiru skond kif titlob il-ligi, jekk m'hemm nimxu ghall-approvazzjoni. Il-Kuns M Lombardo irrefera ghall-minuti ta' 24 ta' Lulju approvati f'Awwissu ghal punt **02.9.2 – (Dok A) anness.** Wara li qara l-korrispondenza kollha, il-Kuns M Lombardo ghamel referenza ghal minuta **03.9.1** *Is-Sindku informa l-Kamra li jixtieq jghaddi mozzjoni ghal-Jum il-Fgura ref:* ***6948/24/9*** *'Sabiex isiru c-celebrazzjonijiet ta' Jum il-Fgura bejn it-18 u s-27 ta' Ottubru, skond il-programm anness, ghal spiza ta' mhux aktar minn €6000, l-abbozz jinkludi servizzi ta' sound, fotografija, reklamar, printing, tokens, kuruni tal-rand, armar, etc'.* Stqarr li la l-mozzjoni ghaddiet nem con ma jistax skond il-ligi tergha titressaq mozzjoni ohra jekk mhux rezolozzjoni specjali skond il-ligi fejn is-Sindku halla dan isir. Il-Kuns C Bonello nsista li fil-minuti jekk sar fatt irid jitnizzel u jekk hemm xi hadd li qed jahseb li kien hemm ksur tal-ligi hemm il-mekkanizmi necessarji u jirrikorru hemm hekk. Il-Kuns C Bonello sahaq li jekk f'dawn il-minuti hemm xi haga hazina u qed jigu approvati mill-kamra, qed ninkriminaw lil kull min japprovahom. Is-Sindku zied li f'dawn il-minuti kollox tajjeb hemm izda jekk bil-mozzjoni tal-Vici Sindku nkisret il-ligi, hemm postijiet ohra fejn jista jitressaq dan. Is-Sindku reggha qara l-mozzjoni izda il-Kuns C Bonello ghal darba ohra reggha gibed l-attenzzjoni li jekk hemm korrezzjoni issa huwa l-waqt li jressaqhom. Is-Sindku saqsa jekk xi hadd ghandux xi emendi ghal minuti fejn il-Kuns J Scicluna stqarret li mhux tifhem xejn. Il-Kuns R Ellul saqsa lil Kuns J Scicluna jekk qratx il-minuti ta' l -ahhar laqgha li jinbaghtu gimgha qabel permezz ta' email fejn it-twegibha taghha kienet fin-negattiv. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li qed jinhela hafna hin fuq affarijiet inutli u gibed l-attenzzjoni ukoll lill-Kuns J Scicluna sabiex tibda taqra l-minuti li jinbaghtu lilha. Zied ukoll li meta jkun hemm kazijiet bhal dawn li-kamra trid tigi perparata. Il-Kuns M Lombardo kiteb addenda ghal minuta **03.9.1**. (Anness **Dok B**).
Is-Sindku rega qara l-mozzjoni ref: **6895/24/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 03/2024 bid-data tas-27 t'Awwissu 2024.'

Din kienet sekondata mill-kunsillier Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6896/24/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti għal-laqgħa b'urġenza numru 4/2024 tal-Kunsill li saret fl-4 ta' Settembru 2024 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns Ryan Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**07.2.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6897/24/9,** sabiex jiġu approvati l-minuti għal-laqgħa b'urġenza numru 5/2024 tal-Kunsill li saret fis-17 ta' Settembru 2024 kif inhu anness.

Din kienet sekondata mill-Charles Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**07.2.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6898/24/9,** sabiex jiġu approvati l-minuti għal-laqgħa b'urġenza numru 6/2024, tal-Kunsill li saret fis-17 ta' Settembru 2024 kif inhu anness.

Din kienet sekondata mill-Charles Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 07.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**07.3.1** Ma tqajjem ebda punt f'dan ir-rigward.

## 07.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**07.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6899/24/9**, sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Settembru 2024 hekk kif inhu anness.

Din kienet sekondata mill-Kunsillier Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 07.5 ĦLASIJIET

**07.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6900/24/9,** sabiex jigu approvati lista tal-ħlasijiet minn 20/08/2024 sa 18/09/2024, hekk kif inhu anness.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 07.6 FINANZI

**07.6.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6901/24/9** sabiex dan il-Kunsill japprova l-Quarterly Financial Report ta' bejn Jannar u Ġunju 2024. Is-Sindku informa l-kamra li jekk hemm xi mistoqsijiet li jridu isiru lil Accountant dirett li kien prezenti online. Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

Din kienet sekondata mill-kunsillier Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 07.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**07.7.1** Is-Sindku informa lill-kamra li rcevejna il-cat feeders vouchers biex jitqassmu lill-pet feeders irregistrati mal-Kunsill Lokali tal-Fgura.

**07.7.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6902/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għal SPI/SCI/07/2024. Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi maħruġa mill-Gvern Lokali.' Il-kamra qablet li l-kunsill japplika ghal Club House.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**07.7.3** Is-Sindku informa lill-kamra li rcevejna komunikazzjoni minghand l-AKL dwar sessjonijiet ta' tahrig fuq descision making li se jinzammu fis-26 ta' Settembru b'repetizzjoni t-Tnejn 30 ta' Settembru. Fi 3 ta' Ottubru bejn l-4pm u s-7pm ser jinzammu sessjonijiet li huma bbazati fuq business plans.

**07.7.4** Is-Sindku qal ukoll li rcevejna komunikazzjoni ohra minghand l-AKL rigward sessjonijiet ta' Well-being li se jsir fil-11 ta' Ottubru fit-3:30pm gewwa s-Sala Joe Cassar fil-binja tal-AKL fil-Marsa. Din hija miftuha ghas-Sindki, il-Kunsilliera responsabbli mill-anzjani kif ukoll is-Segretarji Ezekuttivi.

**07.7.5** Is-Sindku informa lill-kamra li rcevejna minghand l-AKL dwar Young Electric Official Academy rigward sessjonijiet li se jsiru online fl-14 u s-16 ta' Ottubru bejn is-2:30pm u l-4:30pm.

## 07.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**07.8.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6903/24/9**, 'Sabiex dan il-Kunsill japprova lil Netsys Technical Support Service (IT) bl-irħas kwotazzjoni annessa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 07.9 JUM IL-FGURA

**07.9.1** Il-Kunsillier Mark Lombardo informa l-Kamra li jixtieq jgħaddi mozzjoni għal-Jum il-Fgura, ref: **6904/24/9,** sabiex l-ispiża tal-kunċert ta' Jum il-Fgura tkun estiża b'2000 Ewro oħra.' S'issa n nefqa hija ta' 16K fejn l-allokazzjoni hija ta' 20K.

Din kienet sekondata mis-Sindku Clayton Cascun Portelli.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.9.2** Il-Kunsillier Mark Lombardo xtaq iressaq dikjarazzjoni li tkellem rigward trasparenza u prezenta l-istatistika ta' dawn l-ahhar 4 snin, mit-2020 sat-2023, dwar complaints li mhux kulhadd inghata l-istess ammont ta' responsabbiltajiet. Is-Sindku xtaq jiccara punt – is-Sindku iddecida li l-onorificenzi jaqghu dirett taht r-responsabilita' tas-Sindku ghax ma jrid lil hadd jipponta subghajh u jghid li xi kunsillier qed jahdem mas-Sindku Jum il-Fgura. Is-Sindku hass li b'sotto kumitat, b'chairperson u segretarju indipendenti ikun hemm trasparenza bizzejjed. Il-kandidati li telghu, telghu permezz ta' vot mhux kif kien isir qabel li jitressqu fuq il-mejda u jhossu aktar komdu hekk. Is-Sindku sahaq li fejn jidhlu affarijiet prestigjuzi bhal dawn fil-lokal irid li jkunu trasparenti. Il-Kuns M Lombardo qabel ma' dan. Il-Kuns M Lambardo qara dikjarazzjoni Doc C anness. Il-Kuns C Bonello talab kopja tad-dikjarazzjon bl-allegazzjoniet li ressaq il-Kuns M Lombardo. Il-Kuns C Bonello qal li fis-sentejn li ghaddew saretmanipulazzjoni totali fl-ghoti tal-onorificenzi. Wara diskussjoni fejn il-Kuns C Bonello qal li Kuns M Lombardi kien qed jideb. Il-Kuns M Lombardo qallu sabiex jirtira izda il-Kuns C Bonello m'accettax li jirtira. Id-diskussjoni kompliet tishon b'diversi battibekki bejn il-Kuns. Bonello u l-Kuns. Lombardo.

Min-naha tiegħu s-Sindku kkonferma li d-decizjoni li Ħajr il-Fgura jinghataw biss 5 premjiiet ma kienetx decizjoni kif qed jallega s-Sur Lombardo izda decizjoni tas-sotto kumitat kollu fuq proposta tac-cerman.

## 07.10 KORRISPONDENZA

**07.10.1** Is-Sindku informa lill-kamra li se jibdew zewg korsijiet tal-Lifelong Learning bit-titlu Maltese as a Foreign Language u tal-Ingliz. Dawn il-korsijiet se jibdew minn Ottubru 2024 kull nhar ta' Tnejn u Hamis mill-1730 sa 2030 fil-klassi tal-Kunsill.

**07.10.2** Is-Sindku tkellem rigward korrispondenza minghand id-Dipartiment li l-Customer Care tal-Gvern Lokali li se jxolji u gejna offruti li jintbghat wiehed mill-Clerks jahdem mal-Kunsill a spejjez tad-Dipartiment u mhux tal-Kunsill.

**07.10.3** Il-Kunsill ircieva email minghand is-Sinjura Fava Jones fejn din qed titlob biex taghmel 20 siegha fuq Bacellarat fuq l-Edukazzjoni. Dan isir bla hlas. Din it-talba giet approvata.

**07.10.4** Is-Sindku informa lill-kamra rigward event li se jsir fl-10 ta' Ottubru bejn id-9am u l-10:30am l-MBR, Triq il-Labour, Zejtun fuq Future Coding. L-event huwa bla hlas.

## 07.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**07.11.1** Il-Kunsill ircieva komunikazzjoni minghand is-Sinjura Muscat li toqghod Triq Zabbar, fejn din rat talba ghal permess tal-bini li jinvolvi bakery. Is-Sinjura Muscat ghamlet ir-ricerka taghha u sabet li l-bini ta' bakery mhux permess mill-Planning Authority fin-naha t'isfel tal-lokal. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6905/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill joġġezjona għall-permess li għandu n-numru PA/05668/24.' Il-Kuns M Lombardo talab li jitnizlu l-ismijiet.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, u Kuns R Ellul

Kontra - Kuns J Scicluna

**07.11.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6906/24/9,** 'Sabiex dan il-Kunsill jaċċetta l-emenda fid-dekasteri fejn il-persuni b'diżabilita' jiġu taħt ir-responsabbilita` ta' Izak Catania De Giovanni.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.11.3** Is-Sindku qara r-rapport tas-sotto kumitat tal-Onorificenzi. Il-kamra qablet li s-Sa Shanaia Degiorgio titnehha mill-unur peress li qed tghix barra minn Malta f'dan iz-zmien u ghal dan mhux ser tgawdi kif xieraq dan l-unur. Il-Kuns C Bonello nnomina ghal stitel fgurin lil Kayden Lagana li rebah kompetizzjoni wara li ghalqu n-nominazjonijiet u l-kamra qablet li jidhol ghall-unur mhux jistenna sena ohra. Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6907/24/9**, 'Sabiex dan il-Kunsill japprova r-rapport tas-Sotto Kumitat tal-Onorifiċenzi kif inhu anness bl-emenda.' (Anness Dok D).

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 07.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**07.12.1** Is-Sindku informa lill-kamra li nbeda x-xoghol fi Triq is-Summiena. Saret laqgha mal-Perit. Minn din il-gimgha se jkun hemm ix-xoghlijiet ghaddejjin fi Triq is-Summiena, fosthom: fl-14 ta' Settembru saru il pilot holes sabiex jitkejjel kemm qieghed fond id-drenagg; mis-16 sat-30 ta' Settembru se jsir xoghol fuq il-water supply tar-residenti u jitwahhlu 3 valves; mit-30 ta' Settembru sal-14 t'Ottubru se jsir xoghol fuq il-footpaths, bankini fuq iz-zewg nahat tat-triq; u mill-14 t'Ottubru sat-28 t'Ottubru se tinghata l-bazi tal-asfalt fi Triq is-Summiena, u b'hekk ikun jista' jinghadda l-asfalt propju fi Triq il-Pitiross, Triq l-Ghasfur tal-Bejt, u Triq is-Summiena. Wara dawn ix-xoghlijiet il-progett ikun komplut. Il-Kuns M Lombardo qajjem il-punt sabiex il-kuntrattur innaddaf qabel jitlaq fejn il-bierah hu stess talbu sabiex titnaddaf it-triq. Gie maqbul dan. Is-Sindku zied li japprezza li jiġi nfurmat meta jara issues hekk u anke lil Kunsillier responsabli sabiex jitkellem hu mall-kuntrattur. Il-Kuns C Bonello saqsa dwar il-water culverts kif m'humiex imsemmijha fil-progett. Il-Kuns R Ellul saqsa x'culverts huma. Il-Kuns C Bonello ghamel referenza ghal fb post tal-Kuns M Lombardo fejn qal li ser is-servizz tal-ilma u tal-water culverts jghaddu minn taht il-bankina u mhux min nofs it-triq.

Il-Kuns Mark Lombardo qal li s-servizz tal-ilma u tal-water culverts kienu se jghaddu minn taht il-bankina u mhux min-nofs it-triq. Il-Kuns R Ellul qal li fi Triq is-Summiena qatt ma ssemma' li se jsiru xi water culverts. Dawk huma water pipes normali. Il-Kuns R Ellul talab ukoll sabiex ikun hu biss li jkellem lill-kuntrattur peress li dan jaqa' taht id-dekasteru tieghu u kulmin irid jghid xi haga lill-kuntrattur ghandu jghaddi l-kumment tieghu lil Kuns R Ellul u dan jikkomunika mal-kuntrattur hu stess. Dawk huma water drian pipes mhux culvets.

Il-kunsillier Charles Bonello ressaq mozzjoni ref: **6908/24/9** 'Sabiex il-Kunsill Lokali joħroġ kjarifika dwar *post* li għamel il-kunsillier Mark Lombardo l-bieraħ, fejn ta' informazzjoni żbaljata lil resident dwar Triq is-Summiena.'

Din kienet sekondata mil-Kuns R Ellul.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, u Kuns R Ellul u l-Kuns J Scicluna

Astjena – Kuns M Lombardo

**07.12.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6909/24/9** sabiex dan il-Kunsill japprova l-iktar kwotazzjoni vantaġġuża għal-xiri ta bank magħmul minn materjal riċiklabbli, kif ukoll żewġ logħbiet sabiex jitwaħħlu fl-art ħdejn l-iskola.'

Din il-mozzjoni kienet sekondata mil-Kuns Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 07.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**07.13.1** Is-Sindku qassam l-mapep bic-charging pillars immarkati fuqhom, fosthom Triq Martin Luther King, Triq Zabbar, Pjazza Guzeppi Gauci, Triq Haz-Zabbar, il-Parking fi Triq Cottoner u Triq Hompesh, u Triq Giacomo Andreotti fost ohrajn. Triq is-Sur tnehhit charging pillar ghax kien hemm 2. Il-Kuns C Bonello xtaq ikollu kjarifika xi jfissru l-ittri S u P wara r ref no. Is-Sindku talab li nsaqsuhom xi jfissru. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6910/24/9**, 'Sabiex japprova l-lista annessa tac-*charging pillars.* Dok E anness.

Din il-mozzjoni kienet sekondata mil-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.13.2** Is-Sindku qed jipproponi mozzjoni ref: **6911/24/9** lil dan il-Kunsill 'Sabiex jibda proċess ma' TM biex issir *zebra crossing* ħdejn 'Alpha Pharmacy' k/m Vjal il-Kottoner.'

Din kienet sekondata mis-Sur Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.13.3** Is-Sindku ressaq il-mozzjoni ref: **6912/24/9** sabiex dan il-Kunsill japprova li jsiru *sleeping policemen* fi Triq San Xmun k/m Triq ix-Xemx u l-Qamar, hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.13.4** Is-Sindku prezenta talba ta' resident li qala ċitazzjoni fi Triq San Tumas quddiem tal-lotto. Talab li tinbidel it-tabella ghax iċċarat u jitranġaw il-linji tal-parkegg u jsiru sew. Jittiehdu r-ritratti qabel jintmessu l-linji.

**07.13.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6913/24/9,** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova *unloading bay application* annessa basta din tkun għall-użu komunali tal-ħwienet fil-viċinanzi.'

Din kienet sekondata mill-Kuns Ryan Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.13.6** Is-Sindku ressaq talba ta' Tutti Gusti 142 Hompesh Road, li talab il-15 minutes parking. Is-Sindku ridt jaghmilha cara li ftit qabel l-elezzjoni dawk il-parkeggi ta' 15 il-minuta li kienu saru ma kienx il-kunsill responsabli minnhom. Il-kamra ghalissa ddecidiet li trid aktar diskussjoni anke ma TM dwarha fuq skemi ta residential parking, hinijiet etc.

**07.13.7** Is-Sindku informa lil kamra li saret trinka minn WSC u infurmah li fejn sar bil-konkos ser titghata t tarmac. Infurmawh ukoll li ser ser jingahta t-tarmac iżda mhux full width u t-trench ser jinghata t-tarmac. Wara li saru x-xogholijiet, inħolqu 2 hofriet ohra u dahlet tabla ohra ta' sinjura li hadet puncture. Il-Kuns C Bonello qal li l-ahjar tinbaghat lil WSC, iżda jekk jiġri xi haġa ghar, l-Kunsill huwa finalment responsabli ghax it-Triq tal-Fgura.

## 07.14 STAFF

**07.14.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 07.15 MOZZJONIJIET

**07.15.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6914/24/9** sabiex tiġi vvutata s-somma addizzjonali ta' 1250 Ewro għall-għamara tal-uffiċċju tas-Sindku skond l-irħas kwotazjoni annessa.

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns C Bonello, Kuns I Catania De Giovanni, u Kuns R Ellul, Kuns M Lombardo

Astjeniet – Kuns J Scicluna

## 07.16 PLANNING AUTHORITY

**07.16.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 07.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**07.17.1** Is-Sindku stieden lilIl-Kuns Ray Deguara jressaq il-mozzjoni, ref: **6915/24/9**, sabiex tinxtara *food processor* għal waqt id-*Day Centre* u attivitajiet oħra, għas-somma li ma taqbiżx l-elf Ewro.

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**07.17.2** Il-Kuns C Bonello ssuġġerixxa sabiex il-Kuns Ray Deguara jaghmel mozzjoni sabiex ikun hemm bżonn affarijiet neccessarji zghar jinxtraw u mhux jistenna xhar. Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **6916/24/9**, 'Sabiex ikunu allokati 300 Ewro biex b'dawn il-flus ikunu jistgħu jinxtraw affarijiet relatati mal-attivitajiet tad-*Day Centre*.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.17.3** Il-Kuns Ray Deguara għamel talba, ref: **6917/24/9**, 'Sabiex tiżdied in-nefqa b' 250 Ewro għall-ħarġa tan-Naxxar peress li kien hemm domanda qawwija mir-residenti. Din il-ħarġa se ssir fit-23 ta'Ottubru 2024.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**07.17.4** Il-Kuns J Scicluna saqsiet jekk bhala kunsilliera tistax tattendi ghall-hargiet mal-Kuns Ray Deguara. Is-Sindku u l-Kuns C Bonello infurmawha li bhala kunsilliera tista tattendi kull attivita' tal-Kunsill. Il-Kuns J Scicluna qalet li meta saqsiet wahda mill-istaff qaltilha li trid thallas. Is-Sindku nfurmha li ser jiġbed l-attenzjoni li l-Kunsilliera ma jhalsux. Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **6918/24/9**, 'Sabiex issir Pasta Night nhar il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2024, din l-attivita ssir fil-għaxija, u ma' teċċediex is-somma ta' 600 Ewro.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**07.17.5** Il-Kunsillier Ray Deguara għamel proposta, ref: **6919/24/9**, sabiex tiġi organizzata ġita għal ġurnata ġewwa Sqallija. Din hija proposta li ssir fi Frar 2025, u l-vjaġġ ikun bil-katamaran. Intqal ukoll li s-somma ma teċċediex l-2000 Ewro.' Il-Kuns Ray Deguara ha nota tad-dati tal-Karnival li ser jiġi bejn it 28 ta Frar u l-4 ta' Marzu sabiex l-gita ma tahbatx f'dawk id-dati.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.17.6** Il-Kunsillier Mark Lombardo ressaq talba ref: **6920/24/9**, sabiex il-Kunsill japprova l-ħlas ta' servizz ta' *cherry picker* fil-ġranet tal-festa, skond l-invoice annessa ta' €2240.'

Din it-talba kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.17.7** Il-Kuns M Lombardo beda jitkellem sabiex issir iz-zebgha fuq l-istruttura tas-sigra tal-Milied. Is-Sindku xtaq li jirringrazzja l-haddiema tar-regjun ghax-xoghol li jaghmlu fuq l-

estensjoni tas-sigra tar-roundabout. Il-Kuns M Lombardo ressaq talba ref: **6921/24/9**, 'Sabiex issir manutenzjoni tas-siġra tal-Milied skond l-invoice annessa.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**07.17.8** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6922/24/9** sabiex dan il-Kunsill joħroġ espressjoni ta' nteress/kwotazzjonijiet għal dawk l-entitajiet li jixtiequ jipprovdu *screens* madwar is-siġra tal-Milied.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**07.17.9** Is-Sindku stieden lil Kuns C Bonello sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Hiliet il-Fgurin 5. L-applikazzjonijiet totali li rcevejna ghal din l-iskema huwa total ta' 8. Minkejja li ufficjalment l-applikazzjonijiet ghalqu, jekk xi residenti ohrajn juru interess, xorta nkunu nistghu ninkluduhom fil-lista. Minhabba li fil-5 t'Ottubru ser ikun hemm Notte Bianca, Il-Kuns C Bonello ssuggerixxa li jaghmel iktar sens li titmexxa l-ftuh b'gimgha l-ftuh ufficcjali tal-5 edizzjoni ghat-12 t' Ottubru 2024. Ovvjament jekk possibbli tinghalaq fit-2 ta' Novembru 2024.

**07.17.10** Inizjattiva kulturali u ambjentali ghat-tfal tal-Fgura. Bdejna nahdmu fuq din l-inizjattiva fejn it-tfal tal-Fgura ser ikunu mistednin sabiex joholqu oggett jew tpingija relatata mal-Milied u din tkun esebita fil-Kunsill u fl-attivita Pjazza fil-Milied. Kull partecipant ser jinghata certifikat u tifkira tal-okkazjoni. Il-Kuns Charles Bonello ressaq talba ref: **6923/24/9**, sabiex issir l-attivita tal-Milied Riċiklabbli 2024 li se tkun indirizzata lejn it-tfal tal-Fgura u għal dawk li jattendu l-iskola tal-Fgura a spiża ta' €1,500.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.17.11** Inbeda x-xoghol fuq l-attivita il-Pjazza fil-Milied li ser isir fl-14 u l-15 ta' Dicembru 2024. Fil-bidu ta' Ottubru ser issir laqgha mal-ghaqdiet dwar l-istand. Qed tinghata drive sabiex ikollna kemm jista jkun numru kbir ta' stands varji. Bdejna nahdmu ukoll fuq l-entertainment kif ukoll diversi facilitajiet tat-tfal u attrazzjonijiet ohrajn. Ser inkunu qed naghtu dimenzjoni ohra lill-Presepju haj b'sett li ser jintrama apposta. Il-Kunsillier Charles Bonello ressaq talba ref: **6924/24/9**, sabiex isir allokazzjoni addizzjonali ta' €3,000 għal attivita 'Pjazza fil-Milied'.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.17.12** Il-Kuns C Bonello kompla bil-Wirja tal-Milied fil-Kunsill Lokali. Hekk kif tghaddi l-inawgurazzjoni ta Hiliet il-Fgurin, ser jinbeda x-xoghol fuq din il-Wirja.

**07.17.13** Il-Kuns C Bonello kompla bis-60 sena Parrocca (Frar 2025). Minhabba li l-gimgha li ghaddiet kien hemm l-gheluq tal-Kapitlu Provincjali, ma kienx jaghmel sens li jsiru diskussjonijiet qabel inkunu nafu ezatt il-komunita l-gdida. Issa li l-affarijiet huma iktar cari, ser inkunu qed norganizza laqgha dwar dan l-anniversarju importanti. Infatti diga sar kuntatt mal-Knisja sabiex nibdew id-diskussjonijet.

**07.17.14** Il-Kuns C Bonello kompla bl-40 sena Banda fil-Fgura (2025). Qed tigi organizzata laqgha mal-Banda izda ma setghetx tinstab data ghalissa. Il-laqgha ser issir fil-gimghat li gejjin.

**07.17.15** Il-Kuns C Bonello kompla bl-audit tas-sigar fil-lokalita. Dan l-Audit beda ftit jiem ilu u ser ikomplu tul ix-xahar li gej. Bhalissa ghaddejjin b'ezercizzju sabiex niddentifikaw postijiet fejn jistghu jithawlu iktar sigar kif ukoll hwat vojta.

**07.17.16** Il-Kuns C Bonello kompla b'tisbih madwar il-Way Marker. Fuq parir ta' min jifhem f'dan ix-xoghol, gwidana sabiex is-sigar ma jiccaqalqux fis-shana u ghalhekk kif jaqleb ftit iehor it-temp ser jibda x-xoghol.

**07.17.17** Il-Kuns C Bonello kompla bl-inizjattivi oħrajn marbuta mas-Sigar. Kompla l-ezercizzju kull gimgha tat-tindif tal-pots tat-triq prinċipali. Kompla l-programm ta' tisqija lis-sigar u l-pjanti kollha madwar il-Fgura issa fuq bazi inqas frekwenti minhabba li t-temp ifriska ftit iktar u anke minhabba x-xita li ghamlet. Sar ftit trimming necessarju fuq xi sigra sabiex jinfethu accessi ahjar fuq il-bankini. Nehhew sigar slavag li kienu qed jostakolaw parkeggi fi Triq il-Foss u b'kordinazzjoni mas-Sindku sar tindif estensiv ta' dik it-triq zghira. Fil-gimghat li gejjin ser ikompli trimming fuq sigar ohrajn li qed jostakolaw il-bankini kif ukoll ser isir trimming fuq sigar f'zewg toroq ohrajn partikolari li qed jostakolaw parkeggi jew aċċess

**07.17.18** Il-Kuns C Bonello kompla bl-Informazzjoni ghat-tfal dwar il-Fgura. Din l-informazzjoni ghat-tfal li kienet approvata fil-Kunsill precidenti, minkejja diversi tentattivi ghadu ma mmaterjalizzax. Fil-gimghat li ghaddew Brandon Lee Camilleri offra li jghin fil-pubblikazzjonijet tal-Kunsill u l-gimgha li ghaddiet kelli laqgha mieghu u ftehmna sabiex jibda jahdem fuq dan ix-xoghol. Dan ix-xoghol ser isir bi process u qed nippjana li jkun lest lejn Ottubru tas-Sena 2025. Iktar informazzjoni tinghata fix-xhur li gejjin.

**I07.17.19** Il-Kunsillier Charles Bonello ressaq talba ref: **6925/24/9,** sabiex isiru żewġ kompetizzjonijiet għal żmien il-Milied li huma: 1. L-isbaħ faċċata armata għall-Milied u 2. L-isbaħ tieqa armata għall-Milied bi spiża ta' €800.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.17.20** Is-Sindku stieden lil Kuns J Scicluna sabiex taghmel l-intervent taghha. Il-Kuns J Scicluna qajmet il-punt li hawn persuni bil-wheel chair li lanqas jistghu johorgu. Lanqas jistghu jaqbdu tal-linja ghax joqghodu l-boghod per eżempju lejn 'James Caterers'. Il-Kuns R Ellul issuġġerixxa jekk forsi s-Supplier jistax jiġi mistoqsi jekk jiġix modifikat il-vann. Il-Kuns J Scicluna saqsiet kemm jużawh nies dan is-servizz ta' bhal issa u l-Kuns R Deguara wieġeb li anqas qed ilahqu daqs kemm qed jużawh nies. Il-Kuns R Degaura qal li hu haseb diġà dwar dan u meta johorgu xi fondi Ewropej naraw jekk nistghux naghmlu uzu minnhom ghal vann iehor aċċessibbli ghal dawn il-persuni. Il-Kuns C Bonello qal li l-mozzjoni ghandha ssir xorta basta ma tintilifx il-garanzija tal-vann. Wara diskussjoni dwar jekk il-vann preżenti jistax jiġi modifikat biex jakkomodaw persuna bi bżonnijiet speċjali Il-Kuns J Scicluna resqet mozzjoni ref: **6926/24/9,** 'Sabiex jigi rrangat il-van tal-Kunsill u jigi accessibbli minn nies li jaghmlu uzu minn wheelchair. Sakemm ma ttelifx il-garanzija tal-van kif ukoll ma tonqosx is-seating capacity.'

Din il-mozzjoni kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**07.17.21** Il-Kuns J Scicluna xtaqet issaqsi rigward il-bus shelter ta' Triq San Tumas fejn is-Sindku wiegeb li llum tkellem mall-haddiema tar-regjun u ghandhom jibdew ix-xoghol. Qalet ukoll li waqt il-laqgha pubblika persuna ilmentat minhabba bus stop li hemm quddiem id-dar taghha. Dan minhabba l-hsejjes li jkun hemm meta tieqaf tal-linja taht il-gallarija taghha. Il-Kuns C Bonello kompla billi qal li l-stage ilu hemm qabel ma gew joqghodu n-nies. Dawn kienu jafu x'ser jixtru u billi tmexxi l-bus stop quddiem hadd iehor xorta mhux ser tissolva l-problema. Is-Sindku gibed l-attenzjoni lil Kuns J Scicluna li tista tikkontradixxi lilha nfisha dan ghaliex trid tara jekk ghandekx bzonn il-bus shelter biex ikunu accessibli l-karozzi tal-linja jew jekk gahndekx tnehhi certu bus shelters biex takkomoda certu residenti. Hemm bus stops li ma ghandhomx bus shelter inkluz dan li semmiet din il-mara u anke ta' fejn il-knisja. Is-Sindku sugerixxa sabiex meta jkun hemm issues hekk nibaghtu email lil AKL.

**07.17.22** Il-Kuns J Scicluna qajmet il-punt dwar in-Nisa fis-Socjeta. Meta saret il-laqgha mas-Sindku u gharrafa x'kien ser itijha dekasteri, il-Kuns J Scicluna kienet wriet x-xewqa li taghmel il-hrug u attivitajiet barra mill-Kunsill fejn is-Sindu kien qabel ma' dan. Sa dak iz-zmien, il-Kuns J Scicluna qalet li ma kienetx taf li d-dekasteru tal-hrug kien tal-Kuns R Deguara. Saret taf wara il-gurament. Is-Sindku kien qallha li issa jitkelmu mas-Sur Deguara sabiex jintlahaq kompromess. Is-Sinkdu zied jghid li meta qallha li tista taghmel attivitajiet man-nisa fil-lokal ifisser bhal ma' jaghmlu kunsilliera ohra inkluz hu stess. Meta jaslu ghall-hrug trid issir konsultazzjoni mas-Sur Deguara. Il-Kuns R Deguara kien ceda bicca izda wara gara li gara minhabba s-sotto kumitat fejn il-Kuns J Scicluna kienet talbet sabiex il-membri tas-sotto kumitat ma jhalsux ghal-harga. Is-Sindku qal le minhabba li kien ser jinholoq precedent. Is-sotto kumitat li kellu l-Kuns

Ray ta' madwar 15-il membru fil-legislatura l-ohra dejjem halsu ghall-attivitajiet anke il-partner tieghu stess. Is-Sindku ma setax jippermitti li jmorru nies fuq il-Kuns Ray u jghidulu mieghek inhalsu u ma' Kuns Josianne le ghax irrangat mall-Kunsill. Apparti dan, veru li dik attivita' partikolari kienet ser tiswa €10 izda jekk il-Kuns Josianne ikollha attivita' li tiswa €50, il-Kunsill ikollu jhallas tas-sotto kumitat kollu. Kif isir ma' Kunsillier irid isir ma' iehor u l-Kusill ikollu jhallas ukoll ghall-helpers tal-Kuns Ray ghax inkella jinholoq precedent iehor ghax fl-ahhar mill-ahhar kollha huma politici. Il-Kuns J. Scicluna stqarret li ghamlet sotto kumitat biex jghinuha ghax li ma kienetx ser tinghata skrivan/a filghaxija. Is-Sindku wiegeb li dan hu ovvju ghax l-ghada l-istaff ikun xoghol u sotto kumitat ikun hemm biex jghin. Anke lill-Kuns Ray infurmah li ghal harga mhux ser ikollu staff u l-Kuns Ray ghamel coach wahda ta 50 ruh. Il-Kuns. J. Sciclunaziedet tghid li d-dekasteru taghha ismu mieghu Nisa fis-Socjeta ma jistghux joqghodu msakrin fis-sala. Il-Kuns Ray irrisponda li tista' dejjem tohroghom hija privatament. Il-Kuns J. Scicluna sahqet li din qedha kunsilliera u mhux l-intenzjoni taghha li tohroghom privatamnet hi. Is-Sindku saqsa li Kuns C Bonello jekk qatt ghamel hargiet u it-twegibha kienet fin-negattiv. Il-Kuns J Scicluna wiegbet li forsi ma xtaqx izda il-Kuns C Bonello kompla billi qal li hu responsabli mill-wirt storiku u kultura u ghandu fejn jaghmel hargiet jekk irid izda dak id-dekasteru tal-Kuns Ray u jaghmilhom hu l-hargiet. Il-Kuns R. Deguara qal lill-Kuns J Scicluna li dan kaz maghluq u qal li jekk is-sindku jiddecidi xi haga hekk ghandha tkun. Qamet diskussjoni wara li l-Kuns J Scicluna ziedet tghid li dejjem ser tibqa' wara l-Kuns R Deguara u j'alla jzid il-hrug ghax hawn hafna nies ibaghtu s-solitudni u lesta li tghinu fil-hrug. Il-Kuns R Deguara wiegeb li l-hrug ser jibqa jsir izda ma ghandu bzonn l-ebda ghajnuna. Il-Kuns R Deguara stqarr li gie majjar li mhux kwalifikat fuq l-anzjani fejn hu anzjan u ghandha tiehu hsiebu l-ewwel wiehed. Il-Kuns J. Scicluna stqarret li talbitu skuza dwar dan li qed jghid. Wara diskussjoni fejn tkellem ukoll l-Kuns M Lombardo fejn qal li kulhadd qed jahdem ghalih, izda il-Kuns Ray Deguara wiegeb li l-ahjar kulhadd izomm postu. Il-Kuns M Lombardo stqarr li anke llum stess gie attakat is-Sindku ta' qabel. Is-Sindku talab li Kuns M Lombardo isemmi l-isem ta' min attaka lis-Sindku ta' qabel. Wara aktar diskussjoni l-Kuns M Lombardo qal li l-Kuns C Bonello ghamel dan. Il-Kuns. C. Bonello caħad dak li kien qed jgħid il-Kuns. M. Lombardo.

**07.17.23** Is-Sindku stieden lil Kuns I. Catania Degiovanni sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Il-Kuns I Catania De Giovanni ressaq talba ref: **6927/24/9,** sabiex bid-dekasteru l-ġdid ikun hemm laqgħa fis-sala tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa ħmistax (15) ta' Novembru fejn jiġu bosta kelliema dwar in-nies li jbagħtu mis-saħħa mentali u fiżika. Talab ukoll li wara jkun hemm riċeviment żgħir isfel u jigu l-*caterers,* sa massimu ta' mhux aktar minn €600.

Din kienet issekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**07.17.24** Is-Sindku stieden lil Kuns  R Ellul sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Il-Kuns R Ellul għamel suġġeriment ref: **6928/24/9**, 'Sabiex dan il-Kunsill iwaħħal tabelli fuq kull MC Bay li l-parkeġġi huma riservati biss għall-muturi. Dan dejjem fejn hu possibbli.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**07.17.25** Il-Kuns R Ellul għamel talba, ref: **6929/24/9**, 'Sabiex dan il-Kunsill jibda l-proċess/studju għal dak li għandu x'jaqsam ma *reserved parking/timed parking* għar-residenti.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 07.18 MISTOQSIJIET

**07.18.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 07.19 AĠĠORNAMENT

**07.19.1** Il-laqgħa ntemmet fi 2100.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2024.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data:25 ta' Settembru, 2024.

DokA.

**Calleja Gwenith at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Clayton Cascun Portelli <cascun4fgura@gmail.com> |
| **Sent:** | Thursday, 29 August 2024 13:39 |
| **To:** | Mark Lombardo |
| **Cc:** | Calleja Gwenith at Fgura Local Council |
| **Subject:** | Re: Jum il-Fgura |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Cm file

**Clayton Cascun Portelli**
Sindku

**m** +356 79012089 **e** cascun4fgura@gmail.com

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

On Tue, 27 Aug 2024 at 23:03, Mark Lombardo <lombardomark1966@gmail.com> wrote:
Nikkwota mill-minuti tal-laqgħa li saret nhar l-24 ta' Lulju, u li kienu approvati illum:

02.9.2 Il-Kuns M Lombardo qal li se jigi provdut programm dettaljat ta' x'attivitajiet se jsiru fil-gimgha bejn it-18 u s-27 ta' Ottubru ghal Jum il-Fgura. Il-Kuns M Lombardo ppropona li ghalkemm Jum il-Fgura huwa responsabbilta` tieghu u anke s-Sindku qal li l-Kunsilliera ahjar ma jidhlux fid-dekasteri ta' xulxin, il-Kuns M Lombardo stieden li, jekk hemm xi membru tal-Kunsillli jixtieq jaqsam xi attivita` fejn jidhol Jum il-Fgura, huwa mheggeg li jaghmel dan flimkien mieghu.

Il-Kuns R Deguara, irrefera ghall-harga li ser itella hu f'dik il-gimgha ta' Jum il-Fgura izda li ma ghandha x'taqsam xejn ma' Jum il-Fgura. Il-Kuns R Deguara ma jixtieqx li jaqsam l-harga tieghu ma' dik ta' Jum il-Fgura.

Wara diskussjoni, il-Kuns M Lombardo qal li fit-18 hemml-attivita' taz-zaghzagh, fil-25 il-kuncert u attivitajiet ohra matul il-gimgha. Il-Kuns I Catania DeGiovanni qal li kien baghat lista lil-Kuns M Lombardo fejn l-Kuns I Catania Degiovanni talab li l-Kuns M Lombardo jghid li ghenu fl-attivitajiet ta' Jum il-Fgura. Il-Kuns A Tanti ssugerixxa i jinkiteb li ghamluha flimkien. Il-Kuns J Scicluna semmiet il-fatt li rceviet email minghand is-Sur Lombardo fejn intalbet jekk tixtieqx tigi mitkellma biex isiru attivitajiet flimkien. Il-Kuns J Scicluna wriet ix-xewqa li ghall-Jum il-Fgura tintaghzel mara u tigi premjata ghax xoghol li tkun ghamlet fil-Lokal. Is-Sindku wiegeb li din it-talba titressaq fis-Sotto Kunitat.

Kuns M Lombardoressaq mozzjoni ref: 6797/24/9 'Sabiex isiru l-attivitajiet konnessi ma' Jum il-Fgura bejn it-18 u 27 ta' Ottubru 2024.'

DOC A.
DOK B.

Waqt 23.9.1, is-Sur Degiorgio lmenta li l-alfinti' fil-Angli me Kenty immissa le fil-Program ta' Jum il-Fjura. Is-Sindku stqarr li s-Sur Micallef jekk jaqbilhom, u ifformulat [illegible] li kien hemm diversi fil-lejta preseduri. Hawnhekk intervjena is-Viċi Sindku, li qal li hawnhekk pjattaforma 7-2, u ~~[illegible]~~ [illegible] mozzjoni, biex tintervjeni [illegible].

[illegible]

Dok C.



Allegazzjonijiet Infondati dwar l-Għoti tal-Awards f'Jum il-Fgura

Nirreferi għall-allegazzjonijiet li qed jagħmel fil-konfront tiegħi is-Sur Charles Bonello dwar l-għoti tal-awards waqt iċ-ċerimonja ta' Jum il-Fgura.

Qed ngħaddi din l-informazzjoni biex kulħadd ikun infurmat jekk imxejtx bi trasparenza u jekk hux kulħadd kien trattat l-istess. Dan qed nagħmlu għax mhu se nħalli lil ħadd jipprova jimmina l-integrita' tiegħi.

Nibda biex ngħid li sa qabel ma nħatar bħala Sindku, is-Sur Pierre Dalli l-għoti tal-awards dejjem sar mis-*Sindku biss. Kiener prerogattiva tas-Sindku Piere Dalli għax kien inklussiv, li beda jagħti l-*opportunita' li kunsilliera jagħtu xi awards., u meta jrid is-Sindku preżenti jista' jwaqqaf din il-proċedura, u għandu kull dritt.

Minflok nirringrazzjaw lis-Sur Dalli, ikolli niffaċċja ilmenti li mhux kulħadd ingħata l-istess ammont, jew saħansitra liema nies ingħataw, donnu xi persuna minn dawk magħżula huma inferjuri għall-oħrajn.

F'dawn l-aħħar snin, l-uniċi "complaints" li kelli kien li darba lil Ray Deguara tajtu wieħed minflok tnejn, u li Adrian Tanti kien qalli li kelli persuna li kien ftit twil. Żewġ complaints ġustifikati. Mill-bqija qatt ma rcevejt ilment ieħor f'seba' snin.

Se nagħti statistika tal-aħħar erba' snin:

2020 - Charles Bonello, Ray Deguara, Clayton Cascun Portelli, Adrian Tanti, Mario Fava, Toshera Schembri u s-Sindku Pierre Dalli taw waħda kull wieħed

Ryan Ellul u Mark Lombardo ma taw l-ebda rikonoxximent. Ryan Ellul ma ressaq l-ebda ilment. Il-persuna li kellu jagħtiha l-unur ma gietx u lanqas ma gie rapprezentant minflokha. Altru li ma kontx "fair".

2021 - Il-Kunsilliera kollha kellhom persuna assenjata, pero' dak inhar Mario Fava ma tfaccax, u l-unur li kellu jipprezenta, ipprezentajtu jien. Dak inhar jien u 3 kunsilliera ohra kellna r-rikonoxximenti tal-ghaqdiet, Adrian Tanti kellu r-rikonoxximent ta' Ackerley Pace filwaqt li l-Hajr (l-ogħla unur wara l-Gieh) kienu assenjati lil Charles Bonello, Clayton Cascun Portelli u Mario Fava. Is-Sindku ta l-Gieh biss.

2022 - F'din is-sena jiena tajt it-3 rikonoxximenti post-mortem filwaqt li s-sindku ta r-rikonoxximent specjali lil Ugo Mifsud Bonnici u l-Gieh il-Fgura.

Kien hemm 10 hajr li tqassmu hekk - Charles Bonello - kellu 2; Adrian Tanti - 2, Toshera Schembri - 2, Claytion Cascun Portelli - 2; Mario Fava u Ray Deguara kellhom wiehed kull wiehed, Mario Fava għal darba ohra minghajr avviz ma tfaccax, u dak il-hin minflok Fava ipprezentajtu jien. Ryan Ellul kien

informa minn qabel li ma setax jattendi. Kieku Fava infurmani minn qabel, kont ngħaddieh lil Ray, imma dik kienet decizjoni ad hoc.

2023 - Perre Dalli ta' 5 rikonoxximenti bħala Sindku. Din kienet l-aħħar sena tiegħu bħala Sindku.

Clayton u jien kellna 4 kull wieħed . Clayton huwa Vici Sindku, u jiena l-kunsillier responsabbli, li kif diga għidt aktar qabel, kien hemm okkazzjonijiet fejn jiena qghad lura, biex nakkomoda lil kulhadd, Ray Deguara u Charles Bonello taw tlieta kull wieħed.

Tajjeb li ngħid, li dan kien possibbli ghaliex kien hemm 4 kunsilliera li m'attendewx - Mario fava, Ryan Ellul, Adrian Tanti u Toshera Schembri.

Li taghmel allegazzjonijiet infondati bhal dawn, aktar u aktar meta jigu minn persuna, li l-aktar wiehed li għandu exposure fil-Kunsill, u magħruf għac-cerimonji li jagħmel turi kemm japprezza lill-kollegi tieghu.

Din hija l-unika attivita' li jien responsabbli għaliha f'sena shiha, u hija assurda li persuna ta' persuna *bħal Bonello jigi jitlob xi trattament preferenzjali, jew li jipprova jimmina l-hidma tiegħi.*

Rigward il-persuni li kien assenjat is-Sur Bonello, li issa qed jitlob li ntellgħu l-ismijiet b' lotterija, nitolbu jgħidli liema minn dawn huwa ta' livell inferjuri :

Joe Gouder, Joe Ebejer, Marica Cassar, Keziah Ellul, Pawlu Muscat, Sana Grillo, is-Surmast Vince Bonnici. (7 persuni)

Il-persuni li kelli jien f'dan il-perjodu kienu

2020 - xejn ;

2021 - Ghaqda tal-Abbatini,

2022 - Myriam Spiteri, Lydia Gerada u Nazzareno Magro

2023 - Mary Galea. Beppe Grillo, Fr Maurice Abela, James Baldacchino (7 persuni u ghaqda)

Kelli wkoll lil Fr Joe Vella u Dino Zammit, li originarjament kienu assenjati lil Mario Fava.

Jekk forsi Charles Bonello ried wieħed minn dawn, jista' jghidilna wkoll.

Imma nirrepeti li l-ebda kunsillier qatt ma talabni xi persuna jew oħra u qatt ma kelli ilmenti.

Se nkun qed nipprezenta wkoll l-ismijiet li kienu assenjati lill-kunsiliera kollha, u kull fejn stajt, ippruvajt nabbinahom mad-dekasteri taghhom. Imma dan mhux dejjem possibbli. Fl-istess waqt kif diga spjegajt dejjem tajt spazju lil kulhadd.

Qed inressaq dan kollu biex ikun pubbliku, għaliex jien mhu se nħalli lil ħadd itappan l-integrita' tiegħi, u jekk jibqgħu għaddejjin dawn il-kalunji, nieħu passi oħra. M'għandi l-ebda diffikulta' li nagħmlu lotterija bl-ismijiet, imma wara ħadd ma jiġi u jitlob li jbiddel l-ismijiet li jingħatawlu, għaliex mhux se nippermetti li ninqasmu fi klikek.

Ref - 07.11.2.

# Dekasteri 2024 - 2029

**Clayton Cascun Portelli Sindku**

- Onorificenzi
- Sorveljanza Funzjonijiet tal-Kunsill Lokali Staff, Amministrazzjoni u Haddiema
- Finanzi
- Centru Civiku
- Konsultazz oni
- Relazzjonijiet mal-Ghaqdiet
- Sigurta '
- Qasam Socjali
- Reklamar tat-Toroq
- Bye-laws
- Progett tal-Foss
- Indafa

**Darren Mamara' Vici Sindku**

- Zamma ta' Bankini u Accessibilta'
- Devoluzzjcni ta' artijiet
- Awtorita' tal-Ippjanar

**Charles Bonello**

- Kultura u Wirt Storiku
- Ambjent/Sigar
- Wied Blandun
- Hidma Internazzjonali u Skambji

**Ray Deguara**

- Anzjani
- Day Center
- Hargiet mill-Kunsill

**Mark Lombardo**

- Koordinazzjoni ta' Jum il-Fgura u Festa tal-Parocca u Tizjien tal-Milied
- Edukazzjoni
- Librerija Gejtu Grech
- Ktieb Storja tal-Fgura

**Izak Catania Degiovani**

- Innovazzjoni
- Zaghzagh
- Persuni bi Bzonnijiet Specjali

**Josianne Scicluna**

- Nisa fis-Socjeta
- Trasport Pubbliku

**Ryan Ellul**

- Immanigjar tat-traffiku
- Toroq u Infrastrura
- Qasam Bini tal-Gvern
- Fondi Ewropej
- Progetti Kapitali
- Soft Areas

**Adrian Tanti**

- Sports
- Servizzi (dawl, Ilma Waste Water )
- Harsien tal-Animmali

Noti

Dok 10.

Għaziez Sindku u kunsilliera,

Nixtieq nibda billi nirringrazzjakom tal-fiducja taghkom lejja u lejn is-Sur Andre Mizzi biex immexxu is-Sotto Kumitat Onorificenzi.

Fl-ewwel laqgha li inzammet, it-Tnejn, 4 ta` Settembru 2024, gie maqbul li nimxu mal-linji gwida ezzistenti fil-protokol ghal-gvern lokali ta kif persuna tkunx elegibli biex tkun maghzula ghal xi rikonoxximent partikolari.

Sar qbil ukoll biex it-tieni l-ghola unur, igifieri Hajr il-Fgura jinghata lil massimu ta hames persuni. Ir-rikonoxximenti l-ohra jinghataw skont il-htiega minghajr ebda massimu.

Ġie ċċarat li l-Kunsill Lokali għandu l-poter li jnaqqas il-lista tan-nominati, pero m'għandux il-jedd li jżid mal-lista mingħajr l-approvazzjoni tas-Sotto Kumitat.

Sar qbil li data ta l-gheluq li kull kunsillier jista jissotometti in-nomini tieghu tkun sa 19 ta` Settembru 2024 u gie diskuss hsieb biex mis-sena diehla jinbidel il-format ta kif persuna tista tigi in-nominata.

Fit-tieni laqgha ta Tnejn, 23 ta` Settembru 2024. giet evalwata kull persuna in-nominata. Gie kkonfermat li kull persuna in-nominata qatt ma hadet rikonoxximent li hi giet in-nominata ghalih, u li hi denja ghal dan ir-rikonoxximent.

Giet moqrija deskrizjoni fuq kull persuna in-nominata. Fil-kategorija ta Hajr il-Fgura kien hemm bzonn li jitiehed vot peress li kien hemm ghaxar nominazjonijiet u skont ir-regoli maqbula hamsa biss jistaw jikwalifikaw.

Is-Sur Charles Bonello gibet l-attenzjoni tal-kumitat li Sur Kayden Lagana kien ghadu kemm rebah tournament tal-bowling internazjonali f'Ateni fil-Grecja wara data ta 19 ta` Settembru 2024. Ghalhekk saqsa lil kumitat jekk jistax jinominah ukoll ghal Stilel Fgurin. Is-Sur Mark Lombardo acenna li huwa kien ukoll ser jinominah waqt l-istess laqgha. Kien hemm qbiel unanimu li Sur Kayden Lagana jizdied mal-lista ta Stilel Fgurin.

Din li gejja hija lista finali hekk maqbula unanimament mis-sotto kumitat. Gieh il-Fgura l-ghola unur li jista jinghata ma giex maghzul min dan il-kumitat, peress li Sindku fl-ewwel laqgha informa lil kumitat li gie maghzul mill-kunsill lokali.

**Hajr il-Fgura**

Silvio Parnis

Mario Fava

Oreste Alessandro

Louis Cutajar

Michael Micallef

**Rikonoxximent**

Carmen Grech

Leonard Zerafa

Toshera Schembri

**Rikonoxximent Post-mortem**

Joseph Sciberras

Carmelo Parascandolo

Miriam Scicluna

**Stilel Fgurin**

Charles Vella

~~Shania Degiorgio~~

Kevin Saliba

Kayden Lagana

Dejjem taghkom,

Lincoln Cowles